**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Ġunju, 2017.**

**Talba Nru: 217/2016PA**

**GO plc**

**vs**

**Angelo Schembri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-3 ta' Ġunju 2016 li permezz tiegħ+u s-soċjeta' attriċi premettiet li l-konvenut għandu jagħtiha s-somma ta' elfejn u Ewro, tmienja u għoxrin ċenteżmu (€2,001.28ċ) in konnessjoni ma' fattura bir-riferenza 79820 datata 17 ta' Lulju 2014, u li minkejja li nterpellatu diversi drabi biex jgħaddi għall-ħlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża kontra l-konvenut. Bl-ispejjeż u d-drittijiet, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 2058/15, u bl-imgħaxijiet legali sa mill-21 ta' Awissu 2015, data tal-imsemmija ittra.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta' attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) fattura numru 79820 datata 17 ta' Lulju 2014 u indirizzata lill-konvenut (Dok.'A', fol.2); (ii) ittra uffiċjali eżekuttiva datata 21 ta' Awissu 2015 mibgħuta mis-soċjeta' attriċi lill-konvenut (Dok.'B', fol.3); (iii) ittra uffiċjali responsiva datata 28 ta' Settembru 2015 mibgħuta mill-Enemalta plc lis-soċjeta' attriċi (Dok.'C', fol.4); (iv) ittra uffiċjali

responsiva datata 16 ta' Ottubru 2015 mibgħuta mill-konvenut lis-soċjeta' attriċi (Dok.'D', fol.5); (v) estratt mir-Reġistru Elettorali li juri l-indirizz reġistrat tal-konvenut (Dok.'E', fol.6) u (vi) affidavit ta' Charmaine Wiffen datat 26 ta' Mejju 2016 li fih iddikjarat li l-fattura eżibita bħala Dok.'A' fl-atti proċesswali kienet għadha dovuta, *oltre* l-imgħaxijiet, id-drittijiet u l-ispejjeż legali (Dok.'F', fol.7).

Ra r-Risposta tal-konvenut preżentata fl-24 ta' Ġunju 2016 li permezz tagħha eċċepixxa li t-talbiet tas-soċjeta' attriċi, in kwanTu dedotti fil-konfront tiegħu, huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż *stante* li l-konvenut m'għandu assolutament ebda responsabbilta' għad-danni allegatament sofferti mis-soċjeta' attriċi u dan kif se jiġi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-ittra uffċijali numru 2668/15 mibgħuta mill-konvenut lis-soċjeta' attriċi kontra l-istess soċjeta' attriċi.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti preżentati mill-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra li:

Ir-rappreżentanta tas-soċjeta' attriċi, **Charmaine Wiffen** reġgħet xehdet fl-udjenza tat-8 ta' Novembru 2016[1] meta kkonfermat li l-ammont pretiż mis-soċjeta' attriċi bil-fattura numru 79820 kien għadu dovut.

In kontroeżami[2], ix-xhud iddikjarat li ma kinetx involuta fil-ħruġ tal-fattura li xehdet dwarha, u lanqas fil-kalkoli tal-ammonti li jidhru fiha. Lanqas ma kienet taf għalxhiex il-fattura nħarġet lill-konvenut u mhux lill-Enemalta plc.

[1] Fol. 10
[2] Udjenza tal-25 ta' Jannar 2017, fol. 47 sa 48

Is-soċjeta' attriċi produċiet b'xhud tagħha wkoll lil **Joseph Farrugia**[3], impjegat magħha bħala Assistant Manager responsabbli mill-operat. Spjega li huwa responsabbli mix-xogħol ta' manutenzjoni u eżekuzzjoni ta' xogħol fuq l-*optic fibre* u *copper cable* għas-sistema u n-*network* tas-soċjeta' attriċi.

Dwar dan il-każ, ix-xhud Farrugia qal li l-ħlas pretiż mis-soċjeta' attriċi jirrigwardja ħsara li ġarrbet fis-sistema tal-*fibre optic cable* f'Ħal-Lija. Dan il-*cable* jinsab bejn l-*exchange* tas-soċjeta' attriċi f'Birkirkara u l-*exchange* tagħha fil-Mosta. Huwa xehed li, fil-ġurnata tal-25 ta' Ġunju 2014, fl-10:30am, is-soċjeta' attriċi bdiet tirċievi diversi lmenti dwar ħsarat estensivi bejn dawn l-*exchanges*. Għamlu t-testijiet fuq is-sistemi, u llokalizzaw ħsara xi mkien bejn Triq il-Mosta u Triq Agostino Portelli Ħal-Lija.

Ix-xhud spjega li hu, u ħaddiema oħra tas-soċjeta' attriċi, marru fuq il-post biex jaraw xi ħsara kien hemm, u raw li kien għadu kemm twaħħal arblu tal-Enemalta tal-ħadid fil-post. Qal li kien jaf li l-kuntrattur li jwettaq dak ix-xogħol għall-Enemalta plc kien il-konvenut, u għalhekk ċempillu u staqsieh. Skond ix-xhud, il-konvenut ikkonfermalu li kien għadu kemm waħħal arblu fil-post. Qal li l-konvenut mar fuq il-post, u qala' l-arblu li kien għadu kemm waħħal, u fil-frattemp kellem lill-kuntrattur tas-soċjeta' attriċi li jagħmel ix-xogħol ta' tħaffir ħalli jħaffer biex jillokalizzaw il-ħsara.

Ix-xhud kompla jispjega li s-soċjeta' attriċi ħaffret taħt l-arblu li kien qala' l-konvenut fil-presenża tagħhom, pero' ma sabux li l-ħsara kienet minn hemm. Imxew distanza, li x-xhud fil-bidu ma kienx jaf jindikaha lit-Tribunal, u mbagħad iddeskrivieha bħala ta' xi nofs metru, sabu ħofra oħra ta' arblu, ħaffru taħtha u sabu li kien hemm *cable* maqtugħ f'dak il-lok.

Skond Joseph Farrugia, minn hemm 'il quddiem bdew il-proċess biex sewwew il-ħsara. Qal li meta x-xogħol ta' tiswija kien lest, għamel rapport lill-Pulizija dwar l-akkadut. Huwa ppreżenta diversi dokumenti, konsistenti f'ritratti li ha huwa stess

[3] Ara xiehda fl-udjenza tat-8 ta' Novembru 2016, fol. 16 sa 17

dakinhar tal-akkadut fuq il-post[4], kopja tar-rapport li ghamel mal-Pulizija[5], fejn hemm reġistrata wkoll l-istqarrija tal-konvenut – '*sostna li huwa kien imqabbad mill-kumpanija Enemalta sabiex ipoġġi arblu ġdid fl-imsemmija lokazzjoni. Għalhekk dalgħodu huwa poġġa l-arblu l-ġdid fejn l-arblu li kien hemm qabel. Anġlu kompla sostna li meta mbagħad infetħet it-trinka, ġie osservat li l-ħsara fuq il-cable tal-GO kien tinsab pied u nofs 'il bogħod mill-arblu li kien poġġa u għalhekk dik il-ħsara ma kienx għamilha hu'*[6] - u dokumentazzjoni interna dwar in-natura tal-ħsara, u d-danni sofferti mis-soċjeta' attriċi[7].

In kontroeżami, Farrugia ddikjara li mhux il-konvenut biss kien jagħmel dan ix-xogħol għall-Enemalta plc, u li ċempel lilu u mhux lill-Enemalta plc għaliex kien normali għalih li jagħmel hekk, u għaliex kellu nteress li jsib il-ħsara u jfittex isewwiha. Huwa ppuntwalizża li l-Enemalta plc għandha żewġ kuntratturi għal dan it-tip ta' xogħol, il-konvenut li jagħmel xogħol fit-tramuntana ta' Malta, u ċertu Ludwig Rodo li jagħmel xogħol fin-nofsinhar ta' Malta. Ikkonferma li l-konvenut kien mar immedjatament fuq il-post u qala' l-arblu. Qal ukoll li l-lok ma kienx jafu, pero' milli ra dakinhar, kien fehem li kien għadu kemm seħħ inċident tat-traffiku u b'hekk kien hemm il-*cables* tal-Enemalta mimdudin mal-art. Ix-xhud ma ftakarx li l-konvenut kien qallu li huwa waħħal l-arblu eżatt, fl-istess ħofra, fejn kien hemm l-arblu li nqala'. Qal li kellhom bżonn iħaffru għaliex minn fuq fejn qala' l-arblu l-konvenut ma setgħux jillokalizżaw il-ħsara. Fi kliemu, *'It-toqba li taħtha sibna l-ħsara kienet toqba tat-trapan il-kbir li jintuża biex titħaffer it-toqba li tintuża biex jitwaħħal l-arblu fiha. X'ħin morna din it-toqba l-oħra kienet mirduma inkixfet għaliex ħaffirna. L-area fejn kien il-każ ma kinetx lixxa kien hemm qisu ħamrija.'* Dwar dan it-trapan, ix-xhud qal li huwa partikolari, tat-tip industrijali u mhux it-tip li tmur tixtrih bħala konsumatur – anke min iħaddmu irid sengħa partikolari.

---

[4] Dok. 'JF1' sa 'JF7', fol. 19 sa 25
[5] Dok. 'JF8' fol. 26 sa 27, ara wkoll fol. 63 sa 66
[6] Fol. 27
[7] Dok. 'JF9' sa 'JF11', fol. 28 sa 30

Farrugia xehed li huwa qatt ma ra lill-konvenut iħaffer din it-tieni ħofra, u qabel li fit-toroq mhux arbli tal-Enemalta plc biss hemm.

Dwar il-hsara, ix-xhud qal li l-prezzijiet indikati fil-fattura huma l-prezzijiet tal-*cable* li bidlu u x-xogħol tal-ħaddiema biex saru t-tiswijiet. Qal pero' li l-fattura mhux hu joħroġha, u għalhekk ma setax iwieġeb għaliex l-ammont indikat minnu bħala prezz totali ma kienx jaqbel mal-ammont li jidher fil-fattura. Ix-xhud ippuntwalizza li *cable* ma bidlux, għaliex fil-*manhole* ikun hemm *cable* żejjed li jużawh biex jissostitwixxu l-parti fejn ikun hemm il-ħsara.

Farrugia ddikjara li ma setax jikkonferma li ma kienx mar ħaddiehor il-ġurnata ta' qabel u għamel din it-toqba, u li apparti l-arblu tal-Enemalta, meta mar hu fuq il-post, ma kienx hemm ħaddiehor jaħdem.

Is-Segretarja Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija, **Georgette Borg**[8], xehdet li l-Kunsill rappreżentat minnha ma kien ħareġ ebda permess lil Enemalta plc għal xogħol ta' tħaffir fil-jum tal-25 ta' Ġunju 2014. In kontro-eżami, hija spjegat li dan il-permess huwa meħtieġ meta jkun ser isir xogħol ta' tħaffir ġdid, b'mod li jekk arblu jkun ser jitwaħħal f'ħofra eżistenti, dan il-permess mhux meħtieġ. Qalet ukoll li, f'każijiet ta' emerġenza, ġieli jintalab permess għal tħaffir bit-telefon, u jingħata b'dak il-mod.

Meta reġget xehdet fl-udjenza tal-25 ta' Jannar 2017[9], ix-xhud ippuntwalizzat li, wara l-verifiki li għamlet, irriżultalha li l-permess għal tħaffir fit-triq f'każ ta' emergenza jintalab mingħand l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, u jingħata miktub bl-idejn, pero' f'dak il-każ la kien hemm talba, u lanqas ingħata permess b'dak il-mod.

Is-soċjeta' attriċi produċiet ukoll b'xhud tagħha lil **Emanuel Zammit**,[10] *Enforcement Manager* ma' Transport Malta, li kkonferma li fil-jum in kwistjoni, l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta ma ntalbet tagħti ebda permess lill-Enemalta plc, jew

[8] Ara xiehda fl-udjenza tal-10 ta' Jannar 2017, fol. 35 sa 36
[9] Fol. 45
[10] Ara xiehda fl-udjenza tal-10 ta' Jannar 2017, fol. 37 sa 38

lill-konvenut, biex jagħmlu tħaffir fil-lok in kwistjoni. In kontroeżami, ix-xhud iddikjara li, anke jekk arblu jkun ser jitwaħħal f'ħofra eżistenti, il-permess għandu dejjem jintalab biex 'i*ssir detection biex jiġi identifikat jekk hemmx għaddejjin servizzi jew jekk hux ser jintmessu xi partijiet oħra mit-triq inkluż bankini eċċ. Imbagħad jiġi deċiż jekk hemmx bżonn permess jew le. Fil-maġġoranza jkun hemm bżonn permess ... Hemm każijiet ta' għelieqi fejn jista' jkun ma jkunx hemm bżonn permess pero' normalment fl-abitat ikun hemm bżonn permess'*.[11]

**Silvan Montesin**, inġinier mas-soċjeta' attriċi, qal li meta daħlu l-ilmenti dwar ħsarat fil-każ in kwistjoni, huwa kien inkariga lill-ħaddiema tiegħu biex jinvestigaw il-kaġun ta' dawk il-ħsarat. Mill-investigazzjonijiet li saru, kienu sabu li l-ħsara kienet ġejja minn arblu li kien hemm imwaħħal bejn Triq Agostino Portelli u Mosta Road, f'Ħal-Lija. Fil-presenza tiegħu, is-superjur tiegħu Joseph Farrugia kien ċempel lill-konvenut, li kien il-kuntrattur tal-Enemalta għal dan ix-xogħol. Ix-xhud qal li kien preżenti meta l-konvenut mar fuq il-post u qala' l-arblu tad-dawl, u mbagħad il-kuntrattur tas-soċjeta' attriċi għamel xogħol ta' tħaffir 'l isfel, u ftuħ, biex is-soċjeta' attriċi ssib id-*duct route* tagħha.

Dan ix-xhud iddikjara li l-infrastruttura tas-soċjeta' attriċi *'kienet irtirata aktar 'il ġewwa lejn il-ħajt minn fejn kien l-arblu tad-dawl. Meta ħaffirna 'l isfel sibna ċ-ċirku fejn kienu ppruvaw iwaħħlu l-arblu oriġinarjament'*. Ix-xhud irrefera għal ritratt eżibit fl-atti (fol.24), u qal li kienu kkonkludew li l-ewwel kienu pruvaw iwaħħlu l-arblu fil-ħofra li tidher f'dak ir-ritratt, u li ma kinetx tidher mill-wiċċ tat-triq, imbagħad waħħluh minn fejn qalgħu l-konvenut.[12] Qal ukoll li, wara dan, kien ivverifika jekk il-konvenut kienx avża lis-soċjeta' attriċi b'dan ix-xogħol, biex tindikalu fejn kienet tinsab l-infrastruttura tagħha, pero' rriżultalu li ma kien sar xejn minn dan.

In kontroeżami, Silvan Montesin qal li huma ma talbu ebda permess biex ħaffru.[13] Qal li bejn il-lok minn fejn il-konvenut qala' l-arblu, u l-post fejn sabu l-infrastruttura tas-

---

[11] Ibid.
[12] Fol. 40
[13] Ara Dok.'SM1', fol. 42

soċjeta' attriċi, kien hemm xi tlett piedi. Qal ukoll li l-*feeder* tal-Enemalta kien mal-arblu li kien ġarrab il-ħsara, u li l-arblu l-ġdid seta' twaħħal f'lok differenti minn fejn kien hemm l-arblu li ġarrab il-ħsara, għaliex il-*feeders* kienu jippermettu dan.

Is-soċjeta' attriċi ressqet ukoll b'xhud tagħha lil **Martin Micallef**, inġinier mal-Enamalta plc.[14] Mistoqsi lil min inkarigat l-Enemalta plc biex iwettaq xogħlijiet ta' tibdil jew twaħħil ta' arblu tad-dawl fi Triq il-Mosta kantuniera ma' Triq Agostino Portelli, Ħal-Lija, fil-25 ta' Ġunju 2014, u l-ġranet ta' qabel, huwa qal li l-kuntrattur imqabbad mill-Enemalta plc kien il-konvenut. Huwa spjega li, fil-21 ta' Ġunju 2014, vettura baqgħet dieħla ġo arblu tad-dawl f'dan il-lok. B'konsegwenza ta' dan, l-arblu nqasam u kellu bżonn jinbidel, allura l-Enemalta plc qabbdet lill-konvenut biex jaqla' l-parti li kien fadal imwaħħla mal-art, jiġbor il-partijiet li kien hemm maqsuma mill-istess arblu, u jwaħħal arblu ġdid. *'L-arblu l-ġdid kellu jwaħħlu eżatt flok l-arblu li nqasam bil-vettura'*[15]. Ix-xhud qal li huwa ma kienx preżenti meta sar dan ix-xogħol, pero' ra d-dokumentazzjoni relattiva tal-uffiċjal tekniku tal-Enemalta plc. Huwa spjega wkoll li meta arblu jkollu *cable* tad-dawl miegħu, bħal dak li nqasam f'dan il-każ, suppost meta jinbidel arblu, l-arblu l-ġdid jitwaħħal fl-istess ħofra fejn ikun hemm l-arblu li jitneħħa. Billi ma kienx preżenti, f'dan il-każ ma setax jgħid ġarax hekk jew le. Jekk ma jitwaħħalx fl-istess ħofra tal-arblu li jinqala', jista' jiċċaqlaq sa massimu ta' metru, u jkollu jsir xogħol iehor biex jiċċaqlaq kollox. Ix-xhud ma kienx f'qagħda jgħid x'ġara f'dan il-każ.

**Kenneth Xuereb**[16], *foreman* tal-Enemalta plc għad-distrett ta' Birkirkara, qal li fiż-żmien in kwistjoni, kien ġa jokkupa din il-kariga, pero' kien hemm *foreman* ieħor *standby*. Qal li kien daħlilhom rapport dwar arblu mqaċċat li kien qiegħed mal-art, u kellu bżonn jinbidel. Qal li mar fuq il-post, ha r-ritratti u nkariga lill-konvenut biex *'jaqla' l-parti mill-arblu l-antik li kien fadal fuq il-post u li jwaħħal arblu ġdid u wkoll li jiġbor il-qbija ta' l-arblu li kienet ma' l-art għax l-arblu kien inqasam'*.[17] Huwa qal li l-

[14] Ara xiehda fl-udjenza tat-28 ta' Frar 2017, fol. 54 sa 55
[15] Fol. 55
[16] Ara xiehda fl-udjenza tat-28 ta' Marzu 2017, fol. 59 sa 61
[17] Fol. 60

inkartament ikun għaddieh lill-konvenut, pero' l-istruzzjoni taħielu bit-telefon. Qal li ma' dan l-arblu kien hemm il-*cables* tad-dawl marbutin, u li meta nqasam l-arblu, dawn baqgħu mdendlin. Qal li, meta l-konvenut lesta x-xogħol, ċempillu biex javzah, u hu mar jivverifika, għalkemm la hu u lanqas ħaddieħor mill-Enemalta plc ma kien preżenti meta sar ix-xogħol. Qal li meta mar fuq il-post jivverifika sab li l-arblu l-maqsum ma kienx għadu hemm, u li l-arblu l-ġdid twaħħal eżatt minn fejn inqala' l-arblu l-antik. Qal li minbarra l-linji tad-dawl li jkun hemm imwaħħlin mal-partijiet ta' fuq ta' arblu tad-dawl, ikun hemm *cable* ħiereġ mill-art li jintrabat mal-arblu. Biex l-arblu jiċċaqlaq, iridu jiżdiedu fit-tul il-*cables*.

Meta xehed il-konvenut **Angelo Schembri** fl-udjenza tat-2 ta' Mejju 2017[18], huwa ikkonferma li kien ċempillu Kenneth Xuereb, u qallu li kienet daħlet karozza ġo arblu fil-lok in kwistjoni, u talbu biex jagħmel arblu ġdid. Qal li, meta mar fuq il-post, sab l-arblu mimdud mal-art. Qala' l-biċċa mill-arblu li kienet għadha mwaħħla, u waħħal arblu ġdid minflokha. Qal li mal-art sab il-*feeder* – il-*wire* li jkun hemm marbut mal-arblu minn fejn jgħaddi d-dawl. Qal li ma ħaffirx ħofor ġodda, għaliex il-*feeder* ma kienx twil biżżejjed biex l-arblu jiċċaqlaq. Ix-xogħol qal li għamlu fit-8:30am, u dam għoxrin minuta.

Skond il-konvenut, dakinhar stess wara nofsinhar, kien ċempillu xi ħadd mis-soċjeta' attriċi, u kien talbu jmur jaqla' l-arblu li kien waħħal filgħodu għaliex kien laqtilhom *cable*. Qal li avża b'dan lill-*foreman* tal-Enemalta. Meta mbagħad mar fuq il-post, qal li l-uffiċjali tas-soċjeta' attriċi qalulu li kien laqtilhom *cable* xi metru 'l bogħod minn fejn waħħal l-arblu. Qal li, wara li ħaffru huma, huwa reġa' mar u waħħal l-arblu fejn kien oriġinarjament.

In kontroezami, il-konvenut spjega li l-parti tal-arblu li sab mwaħħla mal-art meta mar l-ewwel darba fuq il-post qalagħha billi rabat ċinga u ġibidha bl-inġenji tiegħu. Qal li s-soċjeta' attriċi ma kellmitux qabel beda bix-xogħol, u hu lanqas talab permessi biex jagħmel ix-xogħol.

---

[18] Fol. 67 sa 69

Il-konvenut ikkonferma wkoll li mhux hu biss jagħmel ħofor fit-toroq għall-arbli, għaliex hawn nies oħra li jagħmluhom għal entitajiet differenti.

Ikkunsidra wkoll li:

Din hija kawża li s-soċjeta' attriċi qed tagħmel kontra l-konvenut minħabba responsabbilta' akwiljana li hija tippretendi li huwa għandu fil-konfront tagħha minħabba danni li ġarrbet fil-25 ta' Ġunju 2014, meta sabet ħsara f'*cable* tagħha taħt l-art, f'kantuniera bejn Triq il-Mosta, u Triq Agostino Portelli, f'Ħal-Lija. Is-soċjeta' attriċi tgħid li din il-ħsara jaħti għaliha l-konvenut għaliex għamel tħaffir, fil-kors tax-xogħol tiegħu bħala kuntrattur għat-twaħħil tal-arbli tal-Enemalta plc fit-toroq fit-tramuntana ta' Malta, li b'riżultat tiegħu saret il-ħsara; filwaqt li l-konvenut jinnega li huwa b'xi mod responsabbli għal dawk il-ħsarat u d-danni, u jinsisti li hu mhux l-uniku kuntrattur li jagħmel ħofor fit-toroq u l-bankini għall-mogħdija tas-servizzi pubbliċi, u li ma kienx hu li għamel it-tħaffir li kkaġuna l-ħsarat fis-sistemi tas-soċjeta' attriċi. Is-soċjeta' attriċi bil-mezz tal-impjegati tekniċi tagħha uriet li l-kaġun tal-ħsara, kif identifikat minnha, kienet ħofra fil-ħamrija, li kienet tinsab bejn nofs metru u metru 'l bogħod mill-ħofra minn fejn, fil-presenza tal-istess uffiċjali tekniċi tas-soċjeta' attriċi, il-konvenut qala' l-arblu tad-dawl li kien għadu kemm waħħal fuq struzzjoni tal-Enemalta plc.

Fil-liġi ċivili tagħna, ir-responsabbilta' ċivili minħabba f'delitt hija regolata bl-art. **1031** u **1032(1)** tal-**Kodiċi Ċivili** li jipprovdu li *'kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu'* u li *'Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja'*. Min jippretendi li ħaddieħor iġorr responsabbilta' ċivili, irid jipprova l-*'ħtija'* (*fault*), li mhix preżunta ħlief fiċ-ċirkostanzi li l-liġi espressament tqis li hija preżunta (*dolus in re ipsa*).

Għalkemm il-qrati tagħna kellhom kemm-il darba opportunita' jelenkaw ir-rekwiżiti li jridu jiġu pruvati biex tirrikorri r-responsabbilta' ċivili, il-Qorti tal-Appell Kummerċjali fis-sentenza **George Thomas Davison vs Joseph Azzopardi *nomine***[19]

[19] 2.3.1962, XLVI.i.477

tatna spjegazzjoni mill-aktar ċara tal-kunċett tar-responsabbilta' delittwali, u x'irid jiġi ppruvat biex il-Qorti tqis li tirrikorri din ir-responsabbilta':

> *'Mill-analiżi tal-istess disposizzjonijiet tal-liġi jirriżulta li għall-applikazzjoni tagħhom għandhom jikkonkorru tliet elementi li huma (1) il-fatt dannuż illeċitu, (2)* ***l-imputabbilita' tal-istess fatt għal min ikun għamlu***[20] *u (3) id-dannu kaġunat minn dak l-istess fatt. Dawn it-tliet elementi għandhom bilfors jikkonkorru f'delit ċivili, jew fi kważi-delitt, li jobbligaw l-awtur tagħhom għar-riżarċiment tad-dannu kaġunat mhux biss lill-vittma tal-att illeċitu, imma anki lil kull min indirettament jirriżenti d-dannu.*
>
> *Hu elementari li l-fatt jikkomprendi mhux biss l-azzjoni, imma anki l-ommissjoni, u hu fatt illeċitu dak kollu li wieħed ma għandux id-dritt li jagħmel u meta nġustament jilledi d-dritt ta' ħaddieħor; u l-imputabbilita' teżiġi li l-fatt ikun jipproċedi minn volonta' libera li hi dejjem neċessarja biex tiġi kostitwita l-ħtija. Fid-delitt din il-volonta' libera tasal għall-akbar gravita', jiġifieri l-intenzjoni li ssir il-ħsara; filwaqt li fil-kważi-delitt tibbasta s-sempliċi kolpa. Inveru hu dan l-element morali, jiġifieri d-dolo fid-delitt u l-kolpa fil-kważi-delitt, li jikkostitwixxi d-differenza bejn il-wieħed u l-ieħor; iżda naturalment mhux biżżejjed li tiġi konstatata l-ħtija, imma hu meħtieġ ukoll li jiġi stabbilit li dik il-ħtija kkaġunat dannu attwali u valutabbli u pruvat b'mod ċert.'*

F'dan il-każ, it-Tribunal iqis li s-soċjeta' attriċi rnexxielha tipprova kemm il-fatt dannuż illeċitu, *ossia* t-tħaffir fil-ħamrija taħt il-wiċċ tal-bankina li kkaġuna l-ħsara fl-infrastruttura tagħha, u anke d-danni li ġarrbet b'riżultat tal-istess fatt, konsistenti filli kellha tinkorri spiża biex wettqet it-tiswijiet meħtieġa fl-istess infrastruttura. Għalkemm il-konvenut ikkontesta l-estent tad-danni, partikolarment għaliex l-ammont imsemmi mix-xhud Joseph Farrugia ma qabilx mal-ammont sħiħ indikat fil-fattura mertu ta' din il-kawża, ma deherx li kien qed jikkontesta li filfatt is-soċjeta' attriċi ġarrbet ħsarat fl-infrastruttura tagħha f'dik l-okkażjoni, u li kellha ssewwiha biex tkompli tipprovdi s-servizz lill-konsumaturi tagħha.

Il-pern tal-kontestazzjoni tal-konvenut jirrigwardja t-tieni rekwiżit – l-imputabbilita' tal-istess fatt għal min ikun għamlu – għaliex jirritjeni li ma kienx hu li ħaffer f'distanza ta' bejn nofs metru u metru mill-ħofra minn fejn qala' l-arblu li kien

[20] Enfasi tat-Tribunal

tqaċċat, u waħħal l-arblu l-ġdid, *ossia* fil-lok fejn is-soċjeta' attriċi identifikat li sar ix-xogħol li kkaġuna l-ħsara.

Wara li qies il-provi kollha mressqa quddiemu, u bil-benefiċċju li sema' x-xiehda tax-xhieda kollha li tressqu, u li kienu b'xi mod involuti, it-Tribunal jasal għall-konklużjoni li s-soċjeta' attriċi naqset li tipprova li, aktar iva milli le, kien il-konvenut li bl-għemil jew bin-nuqqasijiet tiegħu, ikkaġunalha l-ħsara. It-Tribunal wasal għal din il-konklużjoni għaliex (i) mill-bidu nett, meta ntalab jagħti l-verżjoni tiegħu lill-uffiċjali tal-pulizija, il-konvenut dejjem sostna li huwa qala' l-arblu l-imqaċċat mill-ħofra fejn kien imwaħħal, u minfloku waħħal arblu ieħor, fl-istess ħofra, mingħajr ma għamel xogħol ta' tħaffir; (ii) l-uffiċjali tekniċi tas-soċjeta' attriċi sabu li l-ħsara fl-infrastruttura tas-soċjeta' attriċi ma saritx fil-lok fejn hemm dik il-ħofra, imma f'distanza lil hinn minnha fejn kien hemm ħofra mirduma fil-ħamrija taħt il-wiċċ tal-bankina; (iii) ma tressaq ħadd quddiem it-Tribunal li identifika b'mod ċar u preċiż li kien il-konvenut li ħaffer dik il-ħofra l-mirduma, fejn inqatgħu l-*cables* tas-soċjeta' attriċi u b'hekk saret il-ħsara; (iv) it-Tribunal mhux moralment konvint li dik il-ħofra l-mirduma saret fl-interess, jew fuq inkarigu, tal-Enemalta plc; (v) irriżulta li hemm kuntratturi oħra li jagħmlu xogħol simili fit-toroq in konnessjoni mal-infrastruttura għal servizzi oħra.

Is-soċjeta' attriċi tattribwixxi wkoll nuqqas ta' diliġenza lill-konvenut, u konsegwentement imputabilita', minħabba li ma talabx permess mingħand l-awtoritajiet kompetenti qabel wettaq ix-xogħol, u b'hekk ma setgħux jiġu identifikati s-servizzi li setgħu jintlaqtu bix-xogħol li kien ser iwettaq.

Irriżulta mix-xiehda tal-uffiċjal tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta li, kull meta jsir xogħol fl-abitat, il-kuntrattur huwa mistenni li jitlob permess mingħand din l-Awtorita', anke jekk ma jkunx ser isir tħaffir, imma sempliċement bdil ta' arblu fl-istess ħofra ġa mħaffra, u dan sabiex jiġu identifikati s-servizzi li jkunu għaddejjin minn dak il-lok, u jekk ikunux ser jintmessu bix-xogħlijiet proposti. Irriżulta wkoll li l-konvenut ma applikax għal dan il-permess qabel ma qala' l-arblu l-imqaċċat, u lanqas biex waħħal floku l-arblu l-ġdid, għalkemm ma ċaħadx li kellu dan l-obbligu. Ċertament, id-diliġenza

fl-eżekuzzjoni ta' xogħol bħal dan, li jista' jkollu konsegwenzi tant estensivi fuq il-ġeneralita' tan-nies, kienet teħtieġlu li jitlob u jottjeni dak il-permess, u b'hekk jaċċerta ruħu, minn qabel isir ix-xogħol, li ma kienx hemm servizzi li setgħu jintmessu, filwaqt li jkun f'qagħda jieħu l-prekawzjonijiet kollha meħtiega biex ma ssirx ħsara. It-Tribunal qed jieħu kont ta' dan in-nuqqas tal-konvenut fil-kap tal-ispejjeż.

Għaldaqstant, għar-ragunijiet fuq mogħtija, dan it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut u jiċħad it-talba attriċi in kwantu diretta kontra tiegħu.

Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.D.**
**Ġudikatur**